32004R1233

3.7.2004 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 234/7

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1233/2004

tat-2 ta' Lulju 2004

li jipprovdi miżuri transitorji għall-applikazzjoni ta' Regolament (KE) Nru 595/2004 dwar l-iskema ta' *levy* fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja ma' l-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta' l-Ungerija, ta' Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ta'l-Estonja, ta' Ċipru, tal-Latvja, tal-Litwanja, ta'l-Ungerija, ta'Malta, tal-Polonja, tas-Slovenja u tas-Slovakkja, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 41 tiegħu,

Billi:

(1) Miżuri transitorji għandhom ikunu mniżżla biex jippermettu r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja (imsemmija il-quddiem bħala "l-Istati Membri l-ġodda") japplikaw l-iskema ta' *levy* ipprovduta fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 tad-29 ta' Settembru 2003 li tistabbilixxi *levy* fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib[1].

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 595/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 li jniżżel regoli dettaljati biex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003 li jistabbilixxi *levy* fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib[2] jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jaġġustaw ir-referenza individwali tal-kontenuti ta' xaħmijiet tal-produtturi kollha f'każ li r-referenza nazzjonali tal-kontenut tax-xaħmijiet tiġi maqbuża. Huwa xieraq jiġi pprovdut li l-Istati Membri l-ġodda għandhom jaġġustaw ir-referenza individwali tal-kontenuti ta' xaħmijiet biss mit-tieni perjodu ta' tnax 'il-xhar ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' *levy* f'dawk l-Istati Membri. Dan għandu jipprovdi lill-

[1] ĠU L 270, 21.10.2003, p. 123.
[2] ĠU L 94, 31.3.2004, p. 22.

Istati Membri l-ġodda b'perjodu ta' żmien suffiċjenti sabiex jikkalkolaw il-qabża tagħhom tar-referenza nazzjonali tal-kontenut tax-xaħmijiet.

(3) Skond l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 għal prodotti immarkitjati minn barra l-ħalib, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-kwantitajiet ta' ħalib użati għall-ipproċessar. Fejn ikun diffiċli li jiġu stabbiliti dawk il-kwantitajiet, abbażi tal-prodotti immarkitjati, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw il-kwantitajiet ta'l-ekwivalenza tal-ħalib fuq bażi ta' rata fissa b'referenza għan-numru ta' baqar tal-ħalib miżmuma mill-produttur u fuq produzzjoni medja tal-ħalib kull baqra rappreżentanti tal-merħla. Fejn fil-bidu ta' l-iskema ta' *levy*, in-numru għoli ta' produtturi żgħar iwassal għal diffikultajiet amministrattivi, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri l-ġodda jkunu awtorizzati, abbażi ta' talba debitament ġustifikata, li jużaw il-produzzjoni nazzjonali medja tal-ħalib minflok il-produzzjoni medja tal-ħalib kull baqra rappreżentanti tal-merħla għal perjodu limitat ta' żmien.

(4) L-allokazzjoni ta' kwantitajiet ta' referenza nazzjonali ser tapplika biss mill-perjodu 2005/2006 għar-rigward il-Polonja u s-Slovenja skond l-Att ta' Adeżjoni, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/CE tat-22 ta' Marzu 2004 li adatta l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom l-Unjoni Ewropea ġiet imwaqqfa, wara r-riforma tal-Politika Agrikola Komuni[3]. Għal dawk iż-żewġ Stati Membri, iż-żmien sa meta għandha ssir is-sottomissjoni tar-rapport dwar is-sistema biex tamministra il-kwantitajiet ta' referenza nazzjonali, provvduta fir-Regolament (KE) Nru 595/2004, għandu għalhekk ikun pospost sa l-1 ta' Settembru 2005.

(5) Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att ta' Adeżjoni, kif adattat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/281/CE, il-bażi għall-kwantitajiet tar-referenza individwali għall-Istati Membri l-ġodda hija mniżżla fit-tabella (f) tal-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1788/2003. Għalhekk m'huwiex neċessarju li l-Istati Membri l-ġodda, jikkomunikaw lill-Kummissjoni d-diviżjoni bejn kunsinni u bejgħ dirett li tirriżulta mill-ewwel allokazzjoni individwali kif pprovdut għaliha fl-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004.

(6) Il-miżuri ipprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħalib u l-Prodotti tal-Ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Arikolu 1

Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja għandhom japplikaw l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 mit-tieni perjodu ta' tnax 'il-xhar ta' l-applikazzjoni ta' l-iskema ta' *levy* f'dawk l-Istati Membri, skond id-dispożizzjonijiet ta' kapitolu 6.A, punt 13 ta' l-anness II ta' l-Att ta' Adeżjoni.

[3] ĠU L 93, tat-30.3.2004, p. 1.

Arikolu 2

B'mod ta' deroga mill-Artikolu 12(2) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004, il-Kummissjoni tista' tawtorizza r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja, għall-perjodu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2007, abbażi ta' talbiet debitament ġustifikati, li jużaw il-produzzjoni nazzjonali medja tal-ħalib minflok il-produzzjoni medja tal-ħalib kull bqara rappreżentanta tal-merħla.

Arikolu 3

Fil-każ tal-Polonja u s-Slovenja, ir-rapport pprovvdut fl-Artikolu 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004 għandu jkun notifikat l-aktar tard sa' l-1 ta' Settembru 2005.

Arikolu 4

Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja, u s-Slovakkja m'għandhomx japplikaw l-Artikolu 25(1) tar-Regolament (KE) Nru 595/2004.

Arikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 2 ta' Lulju 2004.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni